Nru. 18,268
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2008
Monday, 23rd June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 544

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Ġunju, 2008 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 538 tad-19 ta' Ġunju, 2008, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-20 ta' Ġunju, 2008
(OPM 1/2008)

Nru. 545

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-23 ta' Ġunju, 2008
(File No. L742/80)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-13 ta' Frar, 1987 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Frar, 1987 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 130, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar

GOVERNMENT NOTICES

No. 544

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister on Friday, 20th June, 2008 and that the arrangements made by Government Notice No. 538 of the 19th June, 2008, ceased to have effect accordingly.

20th June, 2008

No. 545

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

23rd June, 2008

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 13th February, 1987 published in the Government Gazette of the 20th February, 1987 under Government Notice No. 130, the President of Malta had declared the land described hereunder is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by

meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fis-Siġġiewi:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,202 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Frank Cremona, mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Giovanni Camilleri u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur kannella fuq pjanta L.D. 27/86, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

L-20 ta' Mejju, 2008

the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Siġġiewi:

1. A plot of land of the area of about 1,202 square metres, bounded on the North East by property of Mr Frank Cremona, on the South East by property of Mr Giovanni Camilleri and on the North West by Government property.

The abovementioned land is shown marked with the colour brown on plan L.D. 27/86, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

20th May, 2008

Nru. 546

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-23 ta' Ġunju, 2008
(File No. L41/2000)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Mellieħa:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 271 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' triq pubblika reġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. 53154.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 90_97_1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-11 ta' Ġunju, 2008

No. 546

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

23rd June, 2008

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Mellieħa:–

1. A plot of land of the area of about 271 square metres, bounded on the East and South West by Government property and on the South by a public road registered in the Government Records as tenement No. 53154.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 90_97_1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

11th June, 2008

Nru. 547

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-23 ta' Ġunju, 2008
(File No. L214/84/2)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Għaxaq:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 25.25 metri twila, 3 metri wiesgħa u 1.75 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 910 metri kwadri, liema għalqa tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Lawrence Spiteri, mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Ellul u mill-Grigal parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Barbara u parti ma' proprjetà ta' l-eredi ta' Jerome Depiro D'Amico Inguanez.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 57 metru twila, 3 metri wiesgħa u 1.75 metri fonda u tinkludi *manhole* tal-kejl ta' madwar 2.66 metri kwadri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' l-eredi ta' Jerome Depiro D'Amico Inguanez, mix-Xlokk ma' triq pubblika u mill-Grigal parti ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Ellul u parti ma' proprjetà tas-Sur Paul Farrugia.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur aħdar u isfar rispettivament filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur blu fuq il-pjanta markata L.D. 190/84, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-11 ta' Ġunju, 2008

No. 547

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

23rd June, 2008

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Għaxaq:–

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 25.25 metres long, 3 metres wide and 1.75 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 910 square metres, which field is bounded on the South West by property of Mr Lawrence Spiteri, on the South East by property of Mrs Maria Ellul and on the North East party by property of Mr Salvatore Barbara and party by property of the heirs of Jerome Depiro D'Amico Inguanez.

2. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 57 metres long, 3 metres wide and 1.75 metres deep including a manhole of the area of about 2.66 square metres and laying of services for an indefinite period of time, in a field bounded on the North West by property of the heirs of Jerome Depiro D'Amico Inguanez, on the South East by a public road and on the North East partly by property of Mrs Maria Ellul and partly by property of Mr Paul Farrugia.

The above mentioned lands are shown with the colour green and yellow respectively whilst the trench is shown with the colour blue on plan marked L.D. 190/84, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

11th June, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Burmarrad

Nhar is-Sibt it-28 ta' Ġunju 2008 bejn is-6.00 p.m. u 11.00 p.m. mill-*Football Ground* ta' Burmarrad sa Triq l-Imdawra.

Nhar il-Ħadd id-29 ta' Ġunju 2008 bejn is-7.00 p.m. u 11.00 p.m. mill-*Football Ground* ta' Burmarrad sa Triq l-Imdawra.

Ħal Luqa

Nhar it-Tnejn it-30 ta' Ġunju 2008 bejn is-7.30 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant'Andrija, Pjazza Sant'Andrija, id-9 ta' April 1942, San Pawl, il-Ġdida, Ħal Saflieni, Ġanni Bonavia, Pjazza Dun Joe Camilleri, Dokkiena, il-Parroċċa, San Ġużepp, il-Karmnu, Ċensu Dekandja, Tumas Galea, Ġorġ Zahra u Sir Ugo Mifsud.

Nhar l-Erbgħa, it-2 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija, Indrì Penza, Ġanni Vassallo, Misraħ iż-Żgħażagħ, Dun Pawl, Misraħ Sant'Andrija u l-Karmnu.

Nhar il-Ħamis, it-3 ta' Lulju 2008 bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ Sant'Andrija, Sant'Andrija, Dun Pawl u San Ġorġ.

Nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, San Ġorġ, Dun Pawl, il-Ġdida, Sant'Andrija, Pawlu Magri, id-9 ta' April 1942, il-Karmnu u l-Karmnu Sqaq Numru 4.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Lulju 2008 bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 a.m. ta' nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 minn Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

Nhar is-Sibt, il-5 ta' Lulju 2008 bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, il-Parroċċa, il-Ħabaq, il-Ġdida, id-Dokkiena, San Pawl, Mons. Ġużeppi Debono, ir-Rixtellu, l-Aħwa Vassallo, Salvu Zammit, il-

POLICE NOTICE

No. 60

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Burmarrad

On Saturday 28th June 2008 between 6.00 p.m. and 11.00 p.m. from Burmarrad Football Ground up to Triq l-Imdawra.

On Sunday 29th June 2008 between 7.00 p.m. and 11.00 p.m. from Burmarrad Football Ground up to Triq l-Imdawra.

Luqa

On Monday 30th June 2008 between 7.30 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Sant'Andrija, Pjazza Sant'Andrija, id-9 ta' April 1942, San Pawl, il-Ġdida, Ħal Saflieni, Ġanni Bonavia, Pjazza Dun Joe Camilleri, Dokkiena, il-Parroċċa, San Ġużepp, il-Karmnu, Ċensu Dekandja, Tumas Galea, Ġorġ Zahra and Sir Ugo Mifsud.

On Wednesday 2nd July 2008 between 8.30 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija, Indrì Penza, Ġanni Vassallo, Misraħ iż-Żgħażagħ, Dun Pawl, Misraħ Sant'Andrija and il-Karmnu.

On Thursday 3rd July 2008 between 8.00 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ Sant'Andrija, Sant'Andrija, Dun Pawl and San Ġorġ.

On Friday 4th July 2008 between 8.30 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, San Ġorġ, Dun Pawl, il-Ġdida, Sant'Andrija, Pawlu Magri, id-9 ta' April 1942, il-Karmnu and il-Karmnu Alley Number 4.

On Saturday 5th July 2008 between 8.00 a.m. and 2.00 a.m. of Sunday 6th July 2008 through Triq il-Vittmi tal-Gwerra.

On Saturday 5th July 2008 between 8.00 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, il-Parroċċa, il-Ħabaq, il-Ġdida, id-Dokkiena, San Pawl, Mons. Ġużeppi Debono, ir-Rixtellu, l-Aħwa Vassallo, Salvu

Karmnu, G. Tragance, Maħżnier, Ġwann Mamo, Ċensu Dekandja, Misraħ Sant'Andrija, Sant'Andrija, Santa Marija, Dun Pawl u San Ġorġ.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn l-10.30 a.m. u s-2.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, il-Parroċċa, il-Ħabaq, id-Dokkiena, San Pawl, ir-Rixtellu, il-Karmnu, Dun Pawl u l-Ġdida.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn is-6.30 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp u San Ġorġ.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn il-11.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ iż-Żgħażagħ, Dun Pawl, Misraħ Sant'Andrija u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja Parrokkjali, Misraħ Sant'Andrija, il-Karmnu, ir-Rixtellu, Mons. G. Debono, San Pawl, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp u San Ġorġ.

Il-Fgura

Nhar il-Ħadd, is-6 ta' Lulju 2008 bejn id-9.00 a.m. u l-10.00 a.m. minn Wesgħa Reggie Miller.

Nhar it-Tnejn, is-7 ta' Lulju 2008 bejn is-5.45 p.m. u s-6.20 p.m. minn Triq il-Karmelitani u Triq Hompesch.

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Martin Luther King (Club tal-Boċċi), Mahatma Gandhi, San Tumas, il-Merħba, il-Velleran, l-Għarnuq, ir-Rgħajja, il-Falkunier, il-Kuluvert, il-Venewwa, il-Ġojjin, il-Pitirross, l-Għasfur tal-Bejt, is-Summiena, G. Matteoti, Mater Boni Consilii, is-Sur, Vjal Kottoner, B. Lanci, Romano Carapecchia, Mondion, V. Maculano, tal-Gallu, il-Misk, San Ġwann u Hompesch.

Nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: in-Niġem, il-Karmnu, il-Merħba, il-Grawwa, San Elija, L. Schickluna, Sant'Antnin, Titu Bradsma, il-Buqexrem, Russell, l-14 ta' Diċembru, San Xmun, is-Sur, it-Teknoloġija Moderna, Redent Gauci, Kent, San Tumas, il-Koppla, is-26 ta' Marzu, il-Pluviera, Mater Boni Consilii, is-Sejba, Punika, Żabbar u Hompesch.

Nhar il-Ħamis, l-10 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Hompesch, Ħaż-Żabbar, Mater Boni Consilii, il-Ħuttafa, Kent, San Mikiel, ir-Riħan, il-Liedna, San Pietru, il-Kampanella, il-Qronfla, Ċensu Busuttil, il-Ward tax-Xemx u San Tumas.

Nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju 2008 bejn it-8.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Hompesch, il-Karmelitani,

Zammit, il-Karmnu, G. Tragance, Maħżnier, Ġwann Mamo, Ċensu Dekandja, Misraħ Sant'Andrija, Sant'Andrija, Santa Marija, Dun Pawl and San Ġorġ.

On Sunday 6th July 2008 between 10.30 a.m. and 2.30 p.m. through the following streets: Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp, il-Parroċċa, il-Ħabaq, id-Dokkiena, San Pawl, ir-Rixtellu, il-Karmnu, Dun Pawl and il-Ġdida.

On Sunday 6th July 2008 between 6.30 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp and San Ġorġ.

On Sunday 6th July 2008 between 11.00 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ iż-Żgħażagħ, Dun Pawl, Misraħ Sant'Andrija and Misraħ il-Knisja.

On Sunday 6th July 2008 between 7.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Parish Church, Misraħ Sant'Andrija, il-Karmnu, ir-Rixtellu, Mons. G. Debono, San Pawl, Misraħ il-Knisja, San Ġużepp and San Ġorġ.

Fgura

On Sunday, 6th July 2008 between 9.00 a.m. and 10.00 a.m. through Wesgħa Reggie Miller.

On Monday, 7th July 2008 between 5.45 p.m. and 6.20 p.m. through Triq il-Karmelitani and Triq Hompesch.

On Tuesday, 8th July 2008 between 8.30 p.m. and midnight through the following streets: Martin Luther King (Boċċi Club), Mahatma Gandhi, San Tumas, il-Merħba, il-Velleran, l-Għarnuq, ir-Rgħajja, il-Falkunier, il-Kuluvert, il-Venewwa, il-Ġojjin, il-Pitirross, l-Għasfur tal-Bejt, is-Summiena, G. Matteoti, Mater Boni Consilii, is-Sur, Vjal Kottoner, B. Lanci, Romano Carapecchia, Mondion, V. Maculano, tal-Gallu, il-Misk, San Ġwann and Hompesch.

On Wednesday, 9th July 2008 between 8.30 p.m. and midnight through the following streets: in-Niġem, il-Karmnu, il-Merħba, il-Grawwa, San Elija, L. Schickluna, Sant'Antnin, Titu Bradsma, il-Buqexrem, Russell, l-14 ta' Diċembru, San Xmun, is-Sur, it-Teknoloġija Moderna, Redent Gauci, Kent, San Tumas, il-Koppla, is-26 ta' Marzu, il-Pluviera, Mater Boni Consilii, is-Sejba, Punika, Żabbar and Hompesch.

On Thursday, 10th July 2008 between 8.30 p.m. and midnight through the following streets: Hompesch, Ħaż-Żabbar, Mater Boni Consilii, il-Ħuttafa, Kent, San Mikiel, ir-Riħan, il-Liedna, San Pietru, il-Kampanella, il-Qronfla, Ċensu Busuttil, il-Ward tax-Xemx and San Tumas.

On Friday, 11th July 2008 between 8.30 p.m. and midnight through the following streets: Hompesch, il-Karmelitani,

il-Kampanella, is-Sur, Blondell, Bormla, Wistin Levanzin, tal-Gallu, Sant'Antnin, tal-Klerku, il-Karmnu u l-Kitba.

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Lulju 2008 bejn is-6.15 p.m. u s-6.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Wesgħa Reggie Miller, il-Karmelitani u Hompesch.

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Lulju 2008 bejn id-9.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Hompesch u Pjazza Kunsill tal-Ewropa.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Lulju 2008 bejn l-10.30 a.m. u t-3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Hompesch, Bormla, Kottoner, is-Sur, Valperga, Ġorġ Stevens, il-Karmelitani, San Tumas, il-Kampanella, il-Liedna, San Pietru u Ħaż-Żabbar.

Nhar il-Ħadd, it-13 ta' Lulju 2008 bejn is-1.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Hompesch, Ħaż-Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, il-Kitba, il-Karmnu, l-Iskola, Sant'Antnin, Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, *roundabout* ma' San Tumas u Hompesch minn ħdejn it-Tip Top u l-Każin tal-Banda.

It-23 ta' Ġunju, 2008

il-Kampanella, is-Sur, Blondell, Bormla, Wistin Levanzin, tal-Gallu, Sant'Antnin, tal-Klerku, il-Karmnu and il-Kitba.

On Saturday, 12th July 2008 between 6.15 p.m. and 6.30 p.m. through the following streets: Wesgħa Reggie Miller, il-Karmelitani and Hompesch.

On Saturday, 12th July 2008 between 9.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Hompesch and Pjazza Kunsill tal-Ewropa.

On Sunday, 13th July 2008 between 10.30 a.m. and 3.00 p.m. through the following streets: Hompesch, Bormla, Kottoner, is-Sur, Valperga, Ġorġ Stevens, il-Karmelitani, San Tumas, il-Kampanella, il-Liedna, San Pietru and Ħaż-Żabbar.

On Sunday, 13th July 2008 between 1.00 p.m. and midnight through the following streets: Hompesch, Ħaż-Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, il-Kitba, il-Karmnu, l-Iskola, Sant'Antnin, Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, roundabout with San Tumas and Hompesch from next to Tip Top and Band Club.

23rd June, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Fleur de Lys - Birkirkara

Nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju, 2008 bejn l-4.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Fleur de Lys, Trejqet Fleur de Lys, Borg, A. Cuschieri u Sant'Antnin

Vetturi ma jitħallewx jipparjaw fid-dati u l-ħinijiet fit-toroq indikati. Vetturi pparkjati huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Balzan

Nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju, 2008 bejn il-5.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Ħal Balzan, Tliet Knejjes, Providenza, Dmejda, Sisner, San Valentinu, Santa Marija u Kbira.

Vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fid-dati u l-ħinijiet fit-toroq indikati. Vetturi pparkjati huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ġunju, 2008

POLICE NOTICE

No. 61

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit, stopping and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Fleur de Lys - Birkirkara

On Sunday 6th July, 2008 between 4.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Fleur de Lys, Trejqet Fleur de Lys, Borg, A. Cuschieri and Sant'Antnin.

The parking of vehicles in the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Balzan

On Sunday 13th July, 2008 between 5.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Ħal Balzan, Tliet Knejjes, Providenza, Dmejda, Sisner, San Valentinu, Santa Marija and il-Kbira.

The parking of vehicles in the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

23rd June, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Lokalità ta' Bormla huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

Balzan Raymond

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Henry Coleiro għal-Lokalità ta' Bormla, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta, l-24 ta' Ġunju, 2008 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

It-23 ta' Ġunju, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Bormla is the following that is:

Nominated Candidate

Balzan Raymond

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Henry Coleiro for the Locality of Bormla, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993 on Tuesday, 24th June, 2008 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Valletta.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

23rd June, 2008

KUNSILL LOKALI RABAT (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku li Pjazza San Ġorġ se tkun magħluqa għat-traffiku mill-Erbgħa, id-9 ta' Lulju 2008 sa nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju 2008.

It-23 ta' Ġunju, 2008

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Gozo) Local Council notifies the public that Pjazza San Ġorġ will be closed for traffic from Wednesday 9th July 2008 to Wednesday, 23rd July 2008.

23rd June, 2008

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	€11.65 (Lm5.00)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99 (Lm3.00)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33 (Lm1.00)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33 (Lm1.00)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	€4.19 (Lm1.80)
Diskors tal-*Budget* 2008	€2.33 (Lm1.00)
Economic Bulletin – July 2007	€4.66 (Lm2.00)
Economic Survey 2007	€4.66 (Lm2.00)
Electoral Register, April 2008	€24.18 (Lm10.38)
Electoral Register, Local Councils, April 2008	€94.54 (Lm40.59)
Estimates 2008	€4.66 (Lm2.00)
Financial Report 2005	€6.99 (Lm3.00)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16 (Lm0.50)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33 (Lm1.00)
Legal Notices and Bye-Laws 2007 on compact disc (CD)	€13.98 (Lm6.00)
Malta's Parliament – An Official History	€41.93 (Lm18.00)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	€4.08 (Lm1.75)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33 (Lm1.00)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58 (Lm0.25)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08 (Lm1.75)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66 (Lm2.00)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49 (Lm1.50)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49 (Lm1.50)
Portfolio Assessments	€9.32 (Lm4.00)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31 (Lm7.00)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49 (Lm1.50)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33 (Lm1.00)
The Press Act	€1.16 (Lm0.50)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99 (Lm3.00)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66 (Lm2.00)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*